# <u>Jerga' jigi organizzat id-Distrett ta' Birzebbuga</u>

Pero l-affarjiet ma kienux mietu izda raqdu. Il-gibda lejn ir-regatta baqet tnemnem fi qlub ta xi Birzebbugin. Kollox rega' beda nhar l-Erbgha, 8 ta' Settembru 2004, meta Alex Azzopardi, Lawrence Borg, Robert Camilleri, Justin Ebejer, u Ian Polidano, ilkoll minn Birzebbuga, kienu il-ponta ta l-Isla isegwu ir-regatta. Bejn tigrija u ohra tkellmu dwar il-possibilta li d-daghjjes bil-kuluri ta' Birzebbuga jergghu jidhru fil-kanal. L-entuzjamu malajr hakimom u ftehmu li jergghu jiltaqghu.Infatti nhar il-Hamis, 16 ta Settembru 2004 saret laqgha fis-Seaside Bar & Restaurant. Sa dakinhar kien inaghaqad ukoll maghhom Edward Ferriggi

Il-Kelma malajr bdiet tinxtered u twaqqaf kumitat provizorju fejn mal-persuni msemmija zdiedu wkoll Michael Ferreggi, Conrad D'Amato, Simon Micallef, Anthony D'Amato, Anton Cutajar u Simon Vella. Dan il-kumitat beda jhejji biex jerga jigi organizzat mill-gdid id-Distrett ta' Birzebbuga u mill-ewwel saru l-Kuntatti ma l-Ghaqda Regatta Nazzjonali. Meta deher li ma kienx se jkun hemm problemi biex il-klabb jerga jigi affiljat, il-Kumitat beda jahseb ghall sett ta' opri godda. Ghall dan il-ghan gie avvicinat l-imaghllem Guzi Aquilina (tar-ratal), pero, b'dieqa kbira, Guzi r-Ratal halla din id-dinja xi hmistax wara. Dan il-kumitat provizorju wiret ukoll problema kbira, dik tal-mahzen ghad-dghajjes. Saru diversi laqghat ma ghaqdiet u awtoritajiet fejn gew diskussi diversi possibiltajiet ta mahzen. Bhala soluzzjoni temporanja gie mikri garaxx fil-Qajjenza. B'hekk il-Kumitat kellhu kollox lest biex isejjah Laqgha Generali.

Nhar il-Hadd, 7 ta' Novembru 2004 inzammet il-Laqgha Generali fis-Sala tal-Kunsill Lokali, f'Dawret il-Qalb Imqaddsa fl-10.00am . Dakinhar gie approvat l-Istatut tal-Klabb, minn dawk prezenti u b'hekk rega' twaqqaf ufficcjalment il-Klabb Regatta Birzebbuga. L-ewwel kumitat kien iffurmat , minn Anton Cutajar - President, Justin Ebejer - Segretarju, Alex Azzopardi- Tezorier flimkien ma Anthony D'Amato, Robert Camilleri, Edward Ferriggi, Michael Ferriggi, Conrad D'Amato, Lawrence Borg, Simon Micallef, Ian Polidano, Simon Vella u Marco Bonnici. Diversi dilettanti tad-dghajjes bdew jissiehbu bhala membri u ghalhekk dan il-klabb malajr beda jiehu l-hajja u jqum fuq saqajh.

L-ewwel zewg opri li akkwista l-kumitat kienu kajjik li l-benefattur tieghu huwa s-Sur Joseph Farrugia, s-Sindku ta Birzebbuga u frejgatina li giet imhallsa minn Dr Marlene Pullicino. Dawn iz-zewg opri inxtraw mill-Klabb tal-Birgu u waslu Birzebbuga fid-29 ta Dicembru 2004 fejn mill-ewwel id-dilettanti bdew ix-xoghol fuqom. Fl-20 ta' Jannar 2005 il-Klabb Regatta Birzebbuga gie affiljat fl-Ghaqda Regatta Nazzjonali u b'hekk il-Kumitat seta jibda bil-preparamenti ghar-regatta ta' Jum il-Helsien, li kienet wara l-bieb. It-training fil-bahar beda nhar il-Hadd, 30 ta' Jannar 2005 fejn bdew jitharrgu l-ewwel qaddiefa minn Birzebbuga fl-inhawi tal-Qajjenza. Kif beda joqrob Marzu, il-qaddiefa ta' Birzebbuga setghu ikomplu it-tahrig fil-Port il-Kbir, wara li b'kollaborazzjoni mal-Marsa Regatta Club l-opri inzammu taht l-ex-tinda tal-patata fil-Menqa tal-Marsa. Fir-Regatta tal-31 ta' Marzu 2005 id-Distrett ta' Birzebbuga ha sehem f'erbgha tigrijiet, tal-kajjiki u tal-frejgatini fil-Kategoriji Open u Reserves.

## Jintrebah l-Ewwel Palju

Wara r-Regatta ta' Jum il-Helsien kompla jizdied l-interess u aktar opri gew regalati lil Klabb. Dawn kienu dghajsa tal-Midalji regalata minn Justin Ebejer, mixtrija minghand il-Klabb tal-Marsa u kajjik regalat minn Jesmond Aquilina li inxtara mill-Klabb ta' Bormla. Pass importanti kien meta l-kumitat xtara Dghajsa tal-Pass mill-Klabb ta' l-Isla. Din waslet Birzebbuga fid-29 t'Awissu 2005 biex issa is-sett ta l-opri kien komplut u b'hekk id-Distrett ta' Birzebbuga seta jiehu sehem fil-korsi kollha. Fil-fatt fir-Regatta tat-8 ta'Settembru 2005, id-Distrett ta' Birzebbuga ippartecipa fl-ghaxar tigrijiet. Din tista titqies ukoll bhala regatta storika ghax dakinhar intrebah l-ewwel palju ghad-Distrett ta Birzebbuga. Il-palju wasal meta fit-tigrija ghad-Dghajjes tal-Pass b'zewg imqadef tal-Kategorija Open, id-Dghajsa ta' Birzebbuga, bl-ekwipagg iffurmat minn Mark Galea u Stefan Aquilina, ipplejsjat fit-tielet post, fost il-ferh tal-partitarji Birzebbugin. Dan kien mument li d-dilettanti ta Birzebbuga kienu ilom jistennew sa mill-1972.

Fir-regatta ta' Jum il-Helsien 2006 Birzebbuga regghet ippartecipat bis-shih fil-korsi kollha, u ghall darb'ohra il-klabb gie ippremjat permezz ta' palju iehor, l-ewwel wiehed fir-Regatta ta' Jum il-Helsien, wara li d-Dghajsa ta' bl-Erbgha bl-ekwipagg iffurmat minn Edward Ferriggi, Manuel Magro, Stefan Aquilina u Joe Zammit, dahlet fit-tielet post u gew akkwistati tmien punti fil-klassifika finali tal-Kategorija Open.

## Regatta ta l-Under 18

Il-kumitat beda wkoll jimpenja ruhu biex irawwem qaddiefa tfal u zghazagh. Ghalhekk gie deciz li d-distrett ta' Birzebbuga jiehu fir-Regatta ghat-tfal ta' taht it-tmintax-il sena. Din giet organizzata mill-Ghaqda Regatta Nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2006 u 9 ta' Lulju 2006, fil-bajja tar-Rinella, l-Kalkara. Kienet okkazzjoni sabiha fejn matula it-tfal ta' Birzebbuga urew li ghalkemm fi zmien relattivament qasir ta' tahrig, taw sfida denja lid-distretti l-ohra f'kull korsa, tant li ipplejsjaw it-tieni post fil-kajjiki u f'ta bl-erbgha u t-tielet fiz-zewg tigrijiet ta' bi tnejn. Il-klassifika finali Birzebbuga spicccat fit-tielet post b'total ta' 36 punt.

Fir-Regatta ta l-Under 18 ta' l-2007 Birzebbuga regghet ippartecipat b'success. Ghaldarbohra giet organizzata fir-Rinella fuq zewgt ihdud (1 u 15 ta' Lulju 2007) u Birzebbuga ipplejsjat f'sitta minn tmien tigrijiet u gejna fit-Tielet post overall.

Ix-xahar ta' Settembru beda joqrob u d-Distrett ta Birzebbuga rega ipprepara kif jixraq ghar-regatta tal-Vitorja 2006. Bhall f'kull haga ohra, il-problemi ma naqsux, izda b'impenn kbir mill-Kumitat u qaddiefa, Birzebbuga regghet ippartecipat fl-ghaxar tigrijiet tradizzjonali. Din id-darba il-palju wasal fil-Kategorija Reserves meta d-dghajsa ta bl-erbgha b'Edward Ferriggi, Loyd Caruana, Stefan Aquilina u Pierre Valletta, dahlet fit-tielet post.

## Sett ta’ Opri godda

Issa l-Kumitat beda jahseb biex jarma sett ta opri godda u gew ordnati Dghajsa tal-Midalji, Kajjik, frejgatina u Dghajsa tal-Pass. Id-Dghajsa tal-Midalji giet regalata minn Simon Micallef, il-Kajjik mill-Onorevoli Perit Karmenu Vella, tal-Pass minn Pawlu Cutajar filwaqt li l-frejgatina minn Joe Cutajar u Anton Cutajar. Issa l-Kumitat beda jiffacja problema ohra. Il-garaxx fejn kienu jinzammu d-daghjjes fil-Qajjenza kien sar zghir wisq, u ghalhekk kellhu jinstab post iehor. Fi Frar 2007 il-kumitat irnexxielu jikri mahzen kbir f’Xatt ir-Rizq gewwa l-Birgu u d-daghjjes ingarru kollha f’dan il-mahzen. Apparti d-daqs tieghu, il-mahzen kellhu wkoll il-vantagg li t-tahrig setgha jsir fil-Port il-Kbir. Hawnhekk inhadmet ukoll l-ewwel Daghjsa tal-Pass gdida tal-Klabb minn Alex Gatt mill-Birgu.

## Tasal l-Ewwel Rebha

Ir-Regatta ta’ Jum il-Helsien 2007, ghanda tibqa imfakkra mid-dilettanti Birzebbugin. Dan ghaliex dakinhar intrebah Palju memorabbli ta l-Ewwel, fit-Tigrija ghad-Daghjjes tal-Pass b’zewgt imqadef (Kategorija A). L-ekwipagg kien iffurmat minn John Martin Mifsud u Joseph Flask. Dakinhar id-Distrett ta Birzebbuga kien ghoddu ghamila, ghaliex kieku intrebhet l-ahhar tigrija ghad-Daghjjes tal-Pass b’erbgha mqadef, Birzebbuga kienet tnizzelu isimha fuq is-Shield ta Jum il-Helsien. Izda f’dik it-tigrija Birzebbuga giet fit-Tieni post bil-crew ikun kompost minn Clifton Camilleri, John Martin Mifsud, Joseph Flask u Charles Gauci. Kienu biss erba’ punti li firdu lil Birzebbuga mir-rebh tas-Shield.

Ir-Regatta tal-Vitorja 2007 ukoll holqot spunti tassew interessanti. Fosthom kien hemm ir-registrazzjoni tal-qaddief veteran Mario Azzopardi, li minn jaf kemm il-palju rebah. Wasal ukoll l-ewwel palju bil-kajjik wara li David Aquilina u Jimmy Falzon dahlu it-tielet (Kategorija B).

Fil-Laqgha Generali 2007/2008 is-Sur Ian Farrugia gie konfermat bhala t-Tieni President tal-Klabb fejn is-Sur Farrugia kien ha f’idejh it-tmexxija tal-Klabb qabel ir-Regatta tal-Vitorja 2007. Il-Kumitat beda jipprepara ghar-Regatta ta’ Jum il-Helsien bil-hsieb li d-distrett ta’ Birzebbuga jerga jkun fost il-protagonisti. Ghal dan il-ghan gew akkwistati Joseph Flask, Clayton Fiteni, Glenn Bonello, Charles Gauci, Gino Viacava u Louis Bonello. Flimkien mal-Qaddiefa David Aquilina u Jimmy Falzon iffurmaw l-ekwipaggi tal-Kategorija A. Din ir-Regatta kienet karaterizzata mill-qawwa ta Bormla u l-Isla, pero ghall Birzebbuga insemmu li gie l-ewwel palju fit-Tigrija ghad-Dghajjes tal-Midalji meta Glenn Bonello, Clayton Fiteni, Joseph Flask u Charles Gauci dahlu it-tielet post.